in-NAZZJON taghna

Is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 1992



## ARTI



'The Bather' — disinn bil-kulur ta' Frank Hill (1937-1990)



Roudolph Khatchatrian (1937)

# Minn Goya sa Matisse

**'Minn Goya sa Matisse' hu l-titlu ta' wirja grafika inawgurata fil-Malta Hilton it-Tlieta 27 t'Ottubru organizzata minn Francoise Tempera bħala verżjoni estiża ta' wirja oħra li organizzat fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina fl-1990. Il-wirja tagħlaq fil-15 ta' Novembru.**

Il-Lukanda Malta Hilton silfet l-ispazju u għenet biex tittella' l-wirja waqt li l-*Community Chest Fund* tirċievi 10% mill-qligħ fuq il-bejgħ.

Id-direttriċi tal-wirja tara konnessjoni bejn iż-żewġ sekli ta' arti grafika li tkopri l-wirja ma' elfejn sena ta' letteratura, storja u tradizzjoni li spiraw din l-espressjoni artistika.

Skond *press release* lill-gazzetti l-wirja tinkludi xogħlijiet ta' Henri Matisse (1869-1954), Kasimir Malevich (1878-1935), Francisco Goya (1746-1828), Gustave Dorè (1832-1882) u Salvador Dali (1904-1989).

Ma' dawn l-ismijiet famużi nsibu x-xogħol kontemporanju ta' artisti li Francoise Tempera diġà ntroduċiet fi gżiritna bħal ngħidu aħna: Manuel Quintanilla (1924) u Giacomo de Pass (1938). Insibu xogħol Malti ta' Arthur Rizzo, Raymond Pitre u Edwin Galea.

Frank Hill (1937-1990), David Roberts (1796-1864), Carl Haag (1820-1915), Tomeu Pons (1933), Jafar Islah (1946), Zoltan Perlmutter (1922), Lionello Fioravanti-Massa (1911), Thanassis Akrivopoulos (1940) u Roudolph Khatchatrian (1937) huma lkoll rappreżentati fil-wirja.



'The Enslaved Virtuoso' — litografija ta' Giacomo de Pass (1938)



'Peregrine Falcon' — print ta' Brian Ryder (1946)